mt

I-Unjoni Ewropea
Politika reġjonali

# inforegio panorama

| Nru 24 | Diċembru 2007 |



## Ir-reġjuni bħala sħab

# L-Objettiv ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea

# Kontenut

## Ir-reġjuni bħala sħab *L-Objettiv ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea*


**INTERREG, irrilevanti jew indispensabbli?** 3

L-irwol ta' INTERREG jibqa' ta' importanza vitali sabiex tingħeleb l-influwenza tal-fruntieri u biex jinkiseb suq intern li jaħdem sewwa.

**Intervista** 8

Dirk Peters dwar ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali.

**Testimonjanza:** 11

INTERREG IV

**Testimonjanza:** 12

URBACT

**Testimonjanza:** 14

INTERACT

**Testimonjanza:** 15

ESPON

**INTERREG fl-azzjoni: INTERREG IIIA** 16

**Rapport: Tneħħija tal-fruntiera** 17

Mijiet ta' sħubijiet fis-saħħa, fil-kultura, fit-teknoloġija, fl-ambjent, fiċ-ċittadinanza u aktar. Minn PACTE għal INTERREG IV, il-kooperazzjoni transkonfinali Franċiża-Belġjana sejra tabilħaqq tajjeb.

**INTERREG fl-azzjoni: INTERREG IIIB u IIIC** 21























Ritratti (paġni): Kummissjoni Ewropea (3, 4, 6, 7, 8, 9, 12, 25, 26), Thomas Dix/Stadt Weil-am-Rhein (1, 19), CRITT Charleville-Mézières (5), Carrefour Economie Technologie Enseignement (6, 21), INTERACT (11, 17), Segretarjat ta' INTERREG IVC (14), URBACT (15), URBAN II Dortmund-Nordstadt (15), ESPON (18), Y4I (19), Celtic Enterprises (19), VIDEOCOM (19), Provincie West-Vlaanderen (20, 23), Mabiolac (20), CORELOG (24), RegEnergy (24), REVIT (24), CopraNet (24).

Qoxra: il-"Pont tat-Tliet Pajjiżi", pont għaċ-ċiklisti u għal persuni miexjin li jgħaqqad lil Weil-am-Rhein (Ġermanja) u Huningue (Franza) viċin Basle (Svizzera).

Kontributuri oħra: Pierre Ergo, Peter Fischer, Jean-Luc Janot, Eamon O'Hara.

Editur: Ana-Paula Laissy, Kummissjoni Ewropea, DĠ Politika Reġjonali
Din ir-rivista hija stampata bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq karta riċiklata

Id-dossier tematiku hu disponibbli fi 22 lingwa ta' l-Unjoni Ewropea fuq:
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm


It-test ta' din il-pubblikazzjoni ma jorbotx legalment.
L-opinjonijiet imfissra f'din il-pubblikazzjoni huma dawk ta' l-awtur u mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

# INTERREG, irrilevanti jew indispensabbli?

*Minn Colin Wolfe* (1)

**Suq minn Brussell sal-Lussemburgu u kompli sa Strasburgu u tkun skużat jekk taħseb li m'għadhomx jeżistu fruntieri fl-UE. Iżda anki hawnhekk, fil-qalba ta' l-Ewropa, l-irwol ta' INTERREG jibqa' ta' importanza vitali sabiex tingħeleb l-influwenza tal-fruntieri u jinkiseb suq intern li jiffunzjona sewwa.**




*Rotta tat-trakkijiet traffikuża li taqsam il-fruntiera tal-Belġju, Franza u l-Lussemburgu.*

Mhux il-fruntieri kollha ta' l-UE huma barrieri. Suq minn Brussell sal-Lussemburgu u sa Strasburgu u, apparti d-differenzi fil-prezzijiet tal-fjuwil u t-tabelli li jibdlu l-kulur, l-Ewropa tidher mingħajr barrieri.

Iżda anki hawnhekk, fil-qalba ta' l-UE, l-ostakoli għadhom hemm. L-isptarijiet jidduplikaw lil xulxin, is-servizzi tal-pulizija, tat-tifi tan-nar u ta' l-ambulanza ħafna drabi jaslu sal-fruntiera u mhux aktar. L-għargħar li qiegħed jhedded il-kantina tiegħek jista' jkun beda bħala maltempata 'l hinn, f'wied barrani. Il-parks kummerċjali u tax-xjenza rari huma parks transkonfinali internazzjonali – huma pjuttost jikkompetu aktar milli jikkooperaw ma' xulxin. Fl-istess waqt dawn huma fost l-aktar fruntieri Ewropej integrati. Imxi lejn il-lvant minn Strasburgu fuq ir-Rhine, u tilħaq ix-xmara l-kbira l-oħra ta' l-Ewropa, id-Danubju. Hawnhekk, il-fruntieri huma pjuttost aktar ovvji. Il-*fire-engines* jieqfu fil-fruntiera mhux minħabba problemi ta' l-assigurazzjoni, iżda minħabba li ma jeżistix pont li bih ikunu jistgħu jaqsmu għan-naħa l-oħra.

## Kooperazzjoni territorjali Ewropea

Huma preċiżament dawn il-problemi li jimpedixxu lill-UE milli taħdem bl-aħjar mod. Filwaqt li d-diversità reġjonali hija bla dubju ta' xejn karatteristika mixtieqa ħafna ta' l-UE, in-nuqqas ta' kollegament reġjonali huwa prospettiva anqas affaxxinanti. Id-differenzi fl-iskedi tal-ferrovija jiswew il-flus jekk iħalluk tistenna fuq il-pjattaforma ta' bejn il-fruntieri minħabba li t-tren ta' kollegament tiegħek ikun telaq ħames minuti qabel ma wasalt. Li tintilef minħabba differenzi fit-tabelli mhijiex direzzjoni tajba għas-sostenn internazzjonali.

Il-programmi INTERREG ta' l-UE jfittxu li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Il-verżjoni transkonfinali (sezzjoni A) hija mmirata lejn fruntieri individwali, jew (bħal fil-każ madwar il-Lussemburgu) fejn diversi fruntieri huma kollegati flimkien. Il-verżjoni transnazzjonali (sezzjoni B) tiffoka fuq żoni akbar jew reġjuni internazzjonali, bħall-Baħar Baltiku jew l-Ispazju Alpin, u tindirizza problemi relattivi akbar (it-tniġġis tal-baħar, linji tas-silġ li resqin lura). Il-verżjoni interreġjonali (sezzjoni Ċ) tlaqqa' flimkien is-27 Stat Membru ta' l-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera. Jekk l-Ewropej għandhom xi ħaġa x'jitgħallmu minn xulxin, u jekk ma rridux nirrepetu kontinwament dak li diġà sar, l-element Ċ għandu ħafna x'joffri.

### Kooperazzjoni territorjali Ewropea – fatti bażiċi

- Waħda mit-tliet miri tal-Politika ta' Koeżjoni ta' l-UE (flimkien mal-"Konverġenza" u l-"Kompetittività")
- Magħrufa bħala "INTERREG"
- Issa fir-raba' sensiela tagħha ta' programmi
- Baġit 2007-2013 > EUR 8.7 biljuni (prezzijiet attwali) (żieda mill-EUR 5.5 biljuni 2000-2006)
- Madwar 70 programm madwar l-UE

(1) Kap tat-Taqsima, Kooperazzjoni Territorjali, DĠ Politika Reġjonali, Kummissjoni Ewropea.



*Il-bini ta' triq ġdida bejn il-Greċja u l-Bulgarija.*

## INTERREG A – Kooperazzjoni transkonfinali

Bażikament, il-kooperazzjoni transkonfinali tikkonċerna l-"mili tan-nuqqasijiet". Sew jekk il-problemi minn naħa għall-oħra tal-fruntiera huma dwar l-infrastruttura (bini ta' pontijiet), dwar is-swieq u s-servizzi (kollegament ta' l-universitajiet man-negozju mal-klijenti) jew dwar barrieri kulturali jew lingwistiċi, INTERREG A huwa intiż sabiex jindirizzahom. Dan isir permezz ta' analiżi transkonfinali u strateġiji ta' rispons, formalizzati f'wieħed mit-52 programm transkonfinali. Huwa jittratta firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, li jinkludu:

- Inkoraġġiment ta' l-intraprenditorjat, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' l-SMEs, it-turiżmu, il-kultura u l-kummerċ transkonfinali;
- Titjib ta' l-immaniġġjar konġunt tar-riżorsi naturali;
- Sostenn tar-rabtiet bejn iż-żoni urbani u rurali;
- Titjib ta' l-aċċess għat-trasport u għan-netwerks ta' komunikazzjoni;
- Żvilupp ta' l-użu konġunt ta' l-infrastruttura;
- Xogħol amministrattiv, dwar l-impjiegi u l-opportunitajiet indaqs.

### Kooperazzjoni transkonfinali

- Magħrufa bħala INTERREG SEZZJONI A
- 52 programm
- >70% tal-baġit, jiġifieri EUR 5.4 biljuni

## INTERREG B – Kooperazzjoni transnazzjonali

Il-kooperazzjoni transnazzjonali taħdem fuq skala aktar wiesgħa. Hija tiżviluppa kooperazzjoni fuq livell ta' żona, f'reġjuni li jinvolvu diversi pajjiżi. Minbarra l-Baħar Baltiku u l-Ispazju Alpin, imsemmija fuq, programmi oħra jkopru żoni marittimi oħra bħall-Baħar tat-Tramuntana, il-Mediterran, jew iż-Żona Atlantika, reġjuni kbar ta' art bħall-Majjistral ta' l-Ewropa jew ix-Xlokk ta' l-Ewropa. Din il-kooperazzjoni aktar wiesgħa tippermetti li jiġi żviluppat approċċ miftiehem għal kwistjonijiet li jaffettwaw baċini sħaħ tax-xmajjar jew ringieli sħaħ ta' muntanji. Il-programmi jżidu dimensjoni Ewropea oħra importanti għall-iżvilupp reġjonali, mibnija madwar analiżi fuq livell Ewropew, u li twassal għal prijoritajiet maqbula u rispons strateġiku kkoordinat. Dan jippermetti xogħol siewi fuq kwistjonijiet bħall-kurituri tal-komunikazzjoni, l-immaniġġjar ta' l-għargħar, in-negozju internazzjonali u r-rabtiet mar-riċerka, u l-iżvilupp ta' swieq aktar vijabbli u sostenibbli. Barra minn hekk, jipprovdi qafas miftiehem ta' investiment strateġiku għal riżorsi oħra, minn fondi għall-objettiv ta' konverġenza għal strumenti finanzjarji *levered*, b'potenzjal għal impatt konsiderevoli. It-temi ttrattati jinkludu:

- L-innovazzjoni, speċjalment netwerks ta' universitajiet, istituzzjonijiet tar-riċerka, SMEs;
- L-ambjent, speċjalment ir-riżorsi ta' l-ilma, ix-xmajjar, il-lagi, il-baħar;
- L-aċċessibilità, inklużi t-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari t-tlestija tan-netwerks;
- L-iżvilupp urban sostenibbli, speċjalment l-iżvilupp poliċentriku.

### Kooperazzjoni transnazzjonali

- Magħrufa bħala INTERREG SEZZJONI B
- Ta' żona, reġjuni internazzjonali kbar
- 13-il program: Il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Baltiku, il-Periferija tat-Tramuntana, il-Mediterran, l-Ispazju Alpin, il-Lbiċ ta' l-Ewropa, il-Majjistral ta' l-Ewropa, l-Ewropa Ċentrali, iż-Żona Atlantika, ix-Xlokk ta' l-Ewropa, Madeira-Azores-Gżejjer Kanarji, Reunion, il-Karibew
- >25% tal-baġit, jiġifieri EUR 1.8 biljun



*Karlsruhe (Ġermanja) ibbenefikat minn programm ta' żvilupp turistiku transkonfinali appoġġjat minn INTERREG "PAMINA".*

## INTERREG C – Kooperazzjoni interreġjonali

Il-kooperazzjoni interreġjonali taħdem fuq livell pan-Ewropew, billi tkopri s-27 Stat Membru kollha ta' l-UE, u aktar. Hija tibni netwerks biex tiżviluppa prattiċi tajba u tiffaċilita t-tixrid ta' lezzjonijiet u esperjenzi minn reġjuni li rnexxew. Hija turi x'jagħmlu tajjeb ir-reġjuni, għall-benefiċċju ta' dawk li għadhom qegħdin jinvestu. Parti importanti minn din il-pożizzjoni partikolari hija l-inizjattiva "Reġjuni lejn Bidla Ekonomika", li tmur

pass lilhinn mill-qsim ta' ideat tajba billi tinvolvi fil-proġett lil dawk kollha li jagħmlu l-politika. Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġja wkoll din l-inizjattiva billi tipprovdi kompetenza esperta u ta' politika sabiex "tħaffef" ix-xogħol f'oqsma bħalma huma s-soċjetà ta' l-informazzjoni jew l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-baħar. L-idea hija li jiġi sfruttat l-għerf, speċjalment l-ideat ġodda, bl-aktar mod wiesa' possibbli. Issir enfasi fuq l-irbit ma' programmi ta' konverġenza u kompetittività, sabiex l-ideat jiġu tradotti f'investiment. It-temi jinkludu
- L-innovazzjoni u l-ekonomija bbażata fuq l-għerf;
- L-ambjent u l-ħarsien mir-riskji.

## Kooperazzjoni interreġjonali

- Magħrufa bħala INTERREG STRAND C, INTERACT, URBACT, ESPON
- Tkopri lill-UE kollha, in-Norveġja u l-Iżvizzera
- Baġit ta' > EUR 445 miljun

Biex wieħed jikkonkludi, dawn il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali jissottolinjaw id-dimensjoni Ewropea:
- INTERREG A Transkonfinali "jimla n-nuqqasijiet" u jikkontribwixxi sabiex jitneħħew l-ostakoli tal-fruntieri;
- INTERREG B Transnazzjonali "jiżviluppa żoni trans-Ewropej";
- INTERREG C Interreġjonali "jutilizza l-għerf dwar l-iżvilupp reġjonali" fuq livell Ewropew.

Il-perjodu 2000-2006 wera l-ħtieġa għal dawn l-approċċi. Filwaqt li ġew megħjuna 'l fuq minn 13,000 proġett, dan issodisfa biss parti mid-domanda. L-aspettattivi għas-snin 2007-2013 huma akbar, bħala numru, strateġikament u f'termini ta' impatt. Dan il-perjodu ta' programmazzjoni ġdid jipprovdilna l-opportunità li nagħmlu pass ieħor 'il quddiem biex nirrepetu l-esperjenza tas-sewqan "Brussell-Lussemburgu-Strasburgu" f'żoni oħra ta' kooperazzjoni territorjali.



*Iċ-ċentru "Verein Frau und Arbeit" jappoġġja nisa li jkunu se jibdew in-negozju tagħhom f'Salzburg, l-Awstrija.*

## Għoxrin sena ta' INTERREG

Il-Kummissjoni Ewropea tat għajnuna għall-kooperazzjoni territorjali għall-ewwel darba fl-1989, meta 14-il grupp ta' proġetti pilota ġew allokati madwar 21 miljun ECU taħt l-**Artikolu 10 ta' l-ERDF**. Dawn il-proġetti kienu mfassla sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet ta' l-iżvilupp strutturali ta' żoni tal-fruntiera.

Fuq il-bażi ta' l-esperjenza ta' dawn il-proġetti pilota, fl-1990, il-Kummissjoni ħolqot l-Inizjattiva Komunitarja INTERREG. **INTERREG I** (1990-1994), li kien intiż sabiex iħejji ż-żoni tal-fruntiera għal Komunità mingħajr fruntieri interni, ġie implimentat permezz ta' 31 programm operattiv u nvolva s-somma ta' 1 082 miljun ECU. L-inizjattiva REGEN, li bdiet fl-istess sena bħala suppliment għall-programm INTERREG, kellha l-mira li timla xi ħoloq nieqsa fin-netwerk trans-Ewropew għat-trasport u d-distribuzzjoni ta' l-enerġija fir-reġjuni ta' l-Objettiv 1.

**INTERREG II** (1994-1999) għaqqad l-objettivi ta' INTERREG I u REGEN u ġie implimentat permezz ta' 59 programm operattiv differenti. Huwa kellu allokazzjoni baġitarja totali ta' 3 519 miljun ECU (prezzijiet ta' l-1996), imqassma bejn tliet sezzjonijiet distinti: INTERREG IIA (1994-1999) – kooperazzjoni transkonfinali; INTERREG IIB (1994-1999) – tlestija tan-netwerks ta' l-enerġija; INTERREG IIC (1997-1999) – kooperazzjoni fil-qasam ta' l-ippjanar reġjonali, b'mod partikolari fl-immaniġġjar tar-riżorsi ta' l-ilma.

**INTERREG III** (2000-2006) kellu baġit totali ta' aktar minn EUR 5 biljun u kien ukoll magħmul minn 3 sezzjonijiet: kooperazzjoni transkonfinali (sezzjoni A, 53 programm), kooperazzjoni transnazzjonali (sezzjoni B, 13-il programm), kooperazzjoni interreġjonali (sezzjoni Ċ, 4 programmi).

Għall-perjodu 2007-2013, **INTERREG IV** issa sar it-tielet Objettiv tal-Politika ta' Koeżjoni ta' l-UE: l-objettiv tal-"Kooperazzjoni Territorjali Ewropea". Għal dan il-proġett huma disponibbli EUR 8.7 biljuni, li għal darba oħra huma mqassma bejn tliet sezzjonijiet: EUR 6.44 biljuni għall-kooperazzjoni transkonfinali, EUR 1.83 biljun għall-kooperazzjoni transnazzjonali u EUR 445 miljun għall-kooperazzjoni interreġjonali.




## Cooperation objective 2007-2013
## Crossborder Cooperation

Crossborder cooperation regions

# Structural Funds 2007 - 2013: Transnational Cooperation Areas

Non-EU cooperation areas are indicative only and subject to modification.

© EuroGeographics Association for the administrative boundaries (NUTS regions)
Other administrative boundaries: Global Administrative Unit Layers (GAUL), FAO






Intervista

# Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali



*Diskussjoni fi grupp f'seminar ta' INTERACT.*



**Ir-"Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (EGTC)" huwa strument legali ġdid li għandu l-mira li jiffaċilita u jippromwovi l-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u reġjonali. Kuntrarju għall-istrutturi li rregolaw din it-tip ta' kooperazzjoni sa l-2007, l-EGTC huwa entità legali, bis-setgħat u l-obbligi kollha relatati. Għalhekk huwa jista' jixtri u jbigħ oġġetti, kif ukoll jimpjega persunal. Dirk Peters, Uffiċjal Legali fit-taqsima legali tad-DĠ REGIO jgħidilna aktar.**

***M.: Sur Peters, inti pparteċipajt fin-negozjati fuq ir-Regolament dwar ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (EGTC). Għaliex il-Kummissjoni pproponiet dan ir-Regolament?***

**T.:** L-esperjenza tal-Kummissjoni fi programmi u proġetti ta' kooperazzjoni tmur lura għall-bidu ta' l-Inizjattiva Komunitarja INTERREG fl-1990. Matul dan iż-żmien, sistemi legali u amministrattivi differenti ppreżentaw ostakolu reali għall-implimentazzjoni mingħajr xkiel ta' dawn il-programmi u proġetti. F'ċerti żoni tal-fruntiera, kien possibbli li jiġu stabbiliti b'mod konġunt entitajiet legali fuq il-bażi ta' trattati bilaterali jew trilaterali taħt il-"Konvenzjoni Qafas Ewropea dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali" tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li jmur lura għall-1980 meta ġie ffirmat f'Madrid. Madankollu, anki f'dan il-kuntest ma kienx possibbli jissolvew il-problemi kollha, speċjalment dawk relatati mal-kooperazzjoni transkonfinali. F'ħafna żoni oħra tal-fruntiera, speċjalment fl-Istati Membri ġodda, trattati bħal dawn ma jeżistux. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissarju Barnier, li huwa nnifsu ġej minn reġjun

(1) Regolament (KE) Nru. 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali (REKT), ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19.




*Kooperazzjoni għal donazzjoni ta' l-organi bejn id-Danimarka u l-Isvezja.*

tal-fruntiera (Savoie fi Franza), fit-tielet Rapport dwar il-koeżjoni soċjali u ekonomika ta' l-2004 ippropona strument legali ġdid fil-forma ta' struttura ta' kooperazzjoni Ewropea. L-abbozz ta' Regolament imbagħad iffurma parti mill-pakkett leġislattiv għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-Politika ta' Koeżjoni mġedda.

***M.: X'inhu r-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali?***

**T.:** L-EGTC huwa strument legali ġdid taħt il-liġi tal-Komunità, mhux taħt il-liġi internazzjonali bħall-Konvenzjoni Qafas ta' Madrid. Bħal kull Regolament ieħor huwa ma jeħtieġx ratifika jew negozjar fi trattati bilaterali jew multilaterali, iżda jorbot u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, ir-Regolament innifsu jippermetti lill-awtoritajiet reġjonali u lokali minn Stati Membri differenti, kif ukoll lil ċerti organi regolati mil-liġi pubblika jew assoċjazzjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet kollha, li jwaqqfu gruppi konġunti b'personalità legali sabiex jimplimentaw programmi u proġetti ta' kooperazzjoni.

***M.: L-EGTC huwa strument ta' ġestjoni aħjar minn stumenti oħra eżistenti taħt liġi internazzjonali jew nazzjonali, madankollu kien diffiċli għall-Istati Membri biex jaċċettaw il-proposta. Għaliex ġara hekk?***

**T.:** Din hija tabilħaqq diffiċli biex tifhimha meta inti taċċetta l-prinċipju bażiku tal-liġi Komunitarja: jekk muniċipalità fi Stat Membru tista' tistabbilixxi organu konġunt ma' muniċipalità ġara fl-Istat Stat Membru sabiex tmexxi linja tal-karrozzi tal-linja jew impjant għat-trattament ta' l-ilma tad-dranaġġ jew jekk reġjun jista' jmexxi park naturali jew aġenzija għall-iżvilupp reġjonali mar-reġjun ġar tiegħu fl-istess Stat Membru, ir-Regolament tal-Komunità jippermettilhom li jagħmlu l-istess ħaġa bejn il-fruntiera, ġewwa l-Komunità. Hemm aspett ta' non-diskriminazzjoni fih. Sfortunatament xi awtoritajiet ċentrali għadhom iqisu l-kooperazzjoni minn naħa għall-oħra ta' fruntiera bħala kooperazzjoni esterna meta fir-realtà din hija dwar kooperazzjoni interna ġewwa l-Komunità jew, jekk tippreferi, fi ħdan is-Suq Wieħed.

***M.:** Ir-Regolament kif finalment ġie adottat b'mod unanimu jirrifletti dak l-atteġġjament pjuttost kawt ta' l-Istati Membri?*

**T.:** Iva, jirriflettih. Biex nispjegalek biss l-aktar żewġ punti kontroversjali: il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ma kinetx tipprevedi li l-Istati Membri nfushom setgħu jsiru membri ta' EGTC; lanqas ma kellu jkun hemm xi proċedura ta' kontroll *ex-ante* mill-awtoritajiet ċentrali. Dwar l-ewwel punt, skoprejna li kien neċessarju li jiġu involuti l-awtoritajiet ċentrali, billi l-kompetenzi huma asimetriċi ħafna bejn l-Istati Membri. Biex tqabbel ċerti kompetenzi ta' Länder fil-Ġermanja, għandek bżonn il-livell ċentrali fi Franza, billi l-awtoritajiet reġjonali fi Franza m'għandhomx l-istess kompetenzi. Dan il-fattur huwa saħansitra aktar validu għal Stati Membri iżgħar li m'għandhomx livell reġjonali, fejn dawn il-kompetenzi jridu jittieħdu mil-livell nazzjonali. Dwar il-punt kontroversjali l-ieħor, deher evidenti li r-Regolament sħiħ seta' jiġi adottat biss meta l-Istati Membri jkunu kisbu s-setgħa biex jeżerċitaw kontroll *ex-ante*. Madankollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li, id-dritt biex jiġi stabbilit EGTC, mogħti direttament mir-Regolament lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, ifisser li l-Istati Membri jridu jippermettu l-parteċipazzjoni f'EGTC, sakemm ċerti kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti. Artikolu 4 tar-Regolament ma jgħidx li l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-parteċipazzjoni jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu sodisfatti. Hawnhekk il-Kummissjoni se toqgħod attenta ħafna sabiex tassigura li r-Regolament jiġi implimentat b'mod korrett u effettiv.

***M.:** Dwar dan l-aħħar aspett ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament: in-nies jitkellmu dwar regoli għat-trasponiment nazzjonali. Dan ir-Regolament mhuwiex fil-fatt Direttiva?*

**T.:** Matul l-OPEN DAYS f'Ottubru 2007 diversi seminars ġew iddedikati speċifikament għall-EGTC. Fil-fatt ġara li riedu jipparteċipaw ħafna aktar nies minn awtoritajiet reġjonali u nazzjonali ġewwa u barra l-Komunità milli kien jippermetti l-ispazju disponibbli. Bosta minnhom qed jistennew biex jistabbilixxu EGTCs konġunti! Iva, xi rappreżentanti nazzjonali ppruvaw jispjegaw għaliex ma kinux infurmaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali (sad-data ta' skadenza ta' l-1 ta' Awwissu 2007) biex jiżguraw l-effikaċja tar-Regolament billi argumentaw li r-Regolament kien Direttiva "maskerata". Fil-verità, ir-Regolament dwar l-EGTC huwa konformi ma' Regolamenti oħra li jistabbilixxu entità legali taħt il-liġi tal-Komunità, li espliċitament jitolbu lill-Istati Membri jadottaw regoli ta' l-implimentazzjoni nazzjonali bħar-Raggruppament Ewropew ta' Interess Ekonomiku, is-Soċjetà Ewropea u l-Korporazzjoni Ewropea. Anki Regolamenti "normali" bħar-Regolament ġenerali dwar il-Fondi Strutturali(2), f'xi Stati Membri jeħtieġu att parlamentari sabiex jistabbilixxu l-kompiti rispettivi tal-livelli ċentrali u reġjonali. Huwa ċar li l-Kummissjoni se tassigura li l-Istati Membri kollha jadottaw dawn ir-regoli nazzjonali. Madankollu, mingħajr tali regoli u mill-1 ta' Awwissu 2007, l-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu d-dritt mogħti direttament mir-Regolament lir-reġjuni tagħhom biex iwaqqfu EGTC sempliċement għaliex dawn ir-regoli nazzjonali għadhom ma ġewx adottati. Dan huwa pjuttost differenti minn Direttiva.

***M.:** Fuq livell aktar prattiku – x'tipi ta' kooperazzjoni jista' jintuża għalihom EGTC?*

**T.:** Nistgħu niddistingwu erba' tipi ta' kooperazzjoni elenkati fir-Regolament: (1) biex jiġu implimentati programmi ta' kooperazzjoni territorjali jew (2) proġetti ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali u mill-Fond ta' Koeżjoni; (3) biex jitwettqu azzjonijiet speċifiċi oħra ta' kooperazzjoni territorjali jew (4) mingħajr kofinanzjament mill-Komunità. "Territorjali" tkopri kull tip ta' kooperazzjoni: transkonfinali, transnazzjonali jew interreġjonali. Biex iwettaq dawn il-kompiti, EGTC jista' jistabbilixxi l-istruttura tiegħu stess, ikollu assi u jħaddem persunal.

***M.:** Tista' tagħti xi eżempji?*

**T.:** Għall-ewwel tip, xi programmi taħt l-objettiv ġdid ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea se jiġu mmaniġġjati minn EGTC, li jaġixxi bħala awtorità amministrattiva tal-programm (eż. "Grande Région" madwar il-Lussemburgu, b'reġjuni sħab fil-Belġju, Franza u l-Ġermanja). Vantaġġ prinċipali hawnhekk se jkun li l-EGTC, bil-personalità legali tiegħu stess, se jiffirma l-kuntratti mal-benefiċjarju ta' kollegament, irrispettivament minn fejn ikun stabbilit dan l-imsieħeb ta' kollegament. Il-proġetti ta' kooperazzjoni (tip 2) jistgħu jkopru t-tmexxija ta' servizz tat-trasport jew tas-saħħa bejn il-fruntieri taħt programm ta' l-objettiv ta' Kooperazzjoni jew taħt żewġ programmi ta' Konverġenza "nazzjonali". Programmi Komunitarji oħra bħas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku jew il-CIP (Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni) jistgħu jikkofinanzjaw proġetti ta' kooperazzjoni ppreżentati minn entitajiet minn żwġ Stati Membri (tip 3). Fl-aħħarnett, ir-raba' tip jista' jkopri proġetti konkreti mingħajr (jew wara) finanzjament Komunitarju jew pjattaformi jixbhu aktar il-"governanza" biex jagħtu struttura permanenti u legali lil Ewroreġjun li jkopri ċerta żona transkonfinali jew transnazzjonali.

***M.:** U fl-aħħarnett, tista' tgħidilna xi ħaġa dwar kif twaqqaf EGTC?*

**T.:** Il-membri futuri ta' l-EGTC iridu jfasslu konvenzjoni u statuti, li jridu jiġu mgħarrfa lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Dawn ta' l-aħħar għandhom tliet xhur biex japprovaw il-parteċipazzjoni tal-membri prospettivi u jridu jissostanzjaw kwalunkwe rifjut li jagħmlu. Dakinhar tar-reġistrazzjoni jew pubblikazzjoni ta' l-istatuti, l-EGTC jikseb personalità legali. Il-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-programm INTERACT il-ġdid sabiex issostni u tagħti parir lil dawk ir-reġjuni li jixtiequ (biex nikkwota lill-Kummissarju Hübner) jagħmlu l-"pass radikali 'l quddiem fil-possibilitajiet ta' implimentazzjoni għall-kooperazzjoni transkonfinali" stipulata mir-Regolament dwar l-EGTC. Nixtieq nikkonkludi billi niġbor fil-qosor il-motto ta' din is-sena ta' l-OPEN DAYS: L-EGTC: "Inwettquh!"

(2) Regolament (KE) Nru. 1083/2006, ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

(3) www.cor.europa.eu/en/activities/egtc_studies.htm

(4) www.interact-eu.net

Testimonjanza

# "Minn INTERREG IIIC għal INTERREG IVC – il-pass li jmiss lejn il-miri ta’ Lisbona u Gothenburg"



***Michel Lamblin,*** *Direttur tal-Programm INTERREG IVC*

Il-programm ġdid ta’ kooperazzjoni interreġjonali (abbrevjat għal "Interreg IVC"), li ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea f’Settembru 2007, se jirċievi fondi ta’ EUR 321 miljun mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF) għall-perjodu 2007-2013 u jkopri s-27 Stat Membru kollha kif ukoll lin-Norveġja u l-Iżvizzera, li jipprovdu l-fondi tagħhom stess. L-għan tal-programm huwa li jipprovdi qafas għall-iskambju ta’ esperjenzi bejn istituzzjonijiet reġjonali u lokali mill-pajjiżi differenti dwar sfidi komuni f’oqsma bħalma huma l-globalizzazzjoni, it-tibdil demografiku, il-provvista ta’ l-enerġija u t-tibdil fil-klima.

Hekk kif dan il-programm ġdid jipproċedi, il-proġetti ta’ INTERREG IIIC qegħdin ukoll jaslu fi tmiemhom. Dawn il-proġetti jinvolvu ’l fuq minn 2 600 imsieħeb f’263 operazzjoni differenti, bil-parteċipazzjoni ta’ reġjuni mill-Istati Membri kollha ta’ l-UE. Kważi nofs dawn l-operazzjonijiet jirrigwardaw kwistjonijiet ta’ żvilupp ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol, l-intraprenditorjat, is-soċjetà ta’ l-informazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika. Inkisbu riżultati sinifikanti f’termini ta’ identifikazzjoni ta’ prattiċi tajba u, fuq kollox, it-trasferiment ta’ dawn il-prattiċi bejn ir-reġjuni.

X’futur hemm mela għall-perjodu finanzjarju li jmiss 2007-2013? Il-kooperazzjoni interreġjonali se tkompli tiżviluppa taħt il-programm INTERREG IVC. Hija se tibni fuq is-suċċess tal-programm IIIC, li ċerti aspetti tiegħu ġew miżmuma, filwaqt li tintroduċi wkoll prijoritajiet u approċċi ġodda.



*Il-proġett INTERREG "ChangeLAB" jimmira li jħeġġeġ tendenzi fil-konsum li jagħtu kas ta’ l-ambjent mingħajr ma jbaxxu l-kwalità tal-ħajja u l-prosperità.*

Nilqa’ b’sodisfazzjon din it-tkomplija tal-kooperazzjoni interreġjonali. Huwa importanti li l-awtoritajiet reġjonali u lokali se jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu flimkien u jibbenefikaw mill-esperjenzi ta’ xulxin. Dan juri li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni interreġjonali tassew tgħin sabiex jitjiebu l-linji politiċi reġjonali. Dan huwa partikolarment importanti billi r-reġjuni – bl-għajnuna xierqa – jistgħu jagħmlu ħafna sabiex jikkontribwixxu lejn il-miri ta’ Lisbona u Gothenburg.

## Il-miri ta’ Lisbona u ta’ Gothenburg: pilastri ċentrali ta’ INTERREG IVC.

Imsejħa hekk wara l-Kunsilli Ewropej li saru f’dawn il-bliet fl-2000 u fl-2001 rispettivament, Lisbona u Gothenburg jinkludu strateġija wiesgħa sabiex titkabbar il-kompetittività ta’ l-UE u jinkiseb tkabbir sostenibbli. B’enfasi fuq l-assi ekonomiku (Lisbona) u ambjentali (Gothenburg), ir-reġjuni ġew identifikati bħala msieħba prinċipali biex jgħinu sabiex jintlaħqu dawn il-miri.

L-operazzjonijiet futuri għalhekk se jiffokaw fuq żewġ prijoritajiet: L-Innovazzjoni u l-Ekonomija ta’ l-għerf, u l-Ambjent u l-Prevenzjoni tar-Riskju. Ġew identifikati disa’ sottotemi taħt dawn iż-żewġ prijoritajiet, b’madwar 55% mill-baġit ta’ 321 miljun EUR jiġu allokati għal temi ta’ l-ewwel prijorità (ekonomiċi), u 39% għal temi tat-tieni prijorità (ambjentali), filwaqt li 6% tal-baġit ġew allokati għall-assistenza teknika għall-proġetti. Attwalment, madwar 75% ta’ l-operazzjonijiet ta’ INTERREG IIIC jindirizzaw dawn il-prijoritajiet.

B’differenza għall-programm INTERREG IIIC, li kien maqsum f’erba’ reġjuni amministrattivi, INTERREG IVC għandu Awtorità Amministrattiva waħda (Région Nord–Pas de Calais) u Segretarjat Konġunt ibbażati f’Lille, fi Franza. Hemm erba’ Punti ta’ Informazzjoni madwar l-Ewropa – f’Rostok (il-Ġermanja), Katowice (il-Polonja), Valenzja (Spanja) u fi ħdan is-Segretarjat f’Lille – bħala punti ta’ kuntatt għall-proġetti u r-reġjuni.

Huma possibbli żewġ tipi ta’ interventi taħt INTERREG IVC: proġetti ta’ ‘Inizjattiva Reġjonali’, li jiffokaw fuq skambju ta’ esperjenzi u trasferiment ta’ prattiċi tajba, u proġetti ta’ ‘Kapitalizzazzjoni’, li jinkludu proġetti Fast Track li jfittxu sabiex jottimizzaw it-trasferiment tar-riżultati u tal-prattiċi tajba fi programmi *mainstream*.

L-interess fil-programm INTERREG IVC diġà huwa għoli ħafna, u s-Segretarjat għall-Assistenza Konġunta jista’ jgħin lill-applikanti b’diversi modi differenti – Mistoqsijiet Komuni, Seminars għall-Applikanti ta’ Tmexxija u Konsultazzjonijiet Individwali. It-tagħrif kollu huwa disponibbli biex jitniżżel minn fuq il-websajt ta’ INTERREG IVC.

### INTERREG IVC

***Attività prinċipali:*** Kooperazzjoni interreġjonali

***Kontribuzzjoni ta’ l-UE (ERDF):*** EUR 321 000 000

***Pajjiżi kkonċernati:*** Is-27 Stat Membru ta’ l-UE, in-Norveġja u l-Iżvizzera

***Awtorità Amministrattiva:*** Nord–Pas de Calais Region (France)

***Kuntatt:*** *info@interreg4c.net (http://www.interreg4c.net)*

Testimonjanza

# "Minn URBACT I għal URBACT II: era ġdida ta' kooperazzjoni u skambju urban"




*Anne-Laure Guignard, Direttur tal-Komunikazzjoni ta' URBACT*

URBACT inħoloq mill-Kummissjoni Ewropea u 14-il Stat Membru biex jiżviluppa skambji transnazzjonali ta' esperjenzi bejn il-bliet parteċipanti fil-programmi URBAN I U II. Mill-1 ta' Mejju 2004, il-bliet kollha ta' l-Istati Membri ġodda jistgħu jipparteċipaw ukoll f'din l-inizjattiva, li għandha l-mira li tidentifika l-lezzjonijiet meħuda u xxerred l-għerf fost il-bliet Ewropej kollha.

## URBACT I 2002-2006: laboratorju għal territorji diffiċli

URBACT I kien jinkludi l-parteċipazzjoni ta' 230 belt, b'terz minnhom mill-Istati Membri ġodda. Il-programm iffoka fuq il-ħolqien u l-iffaċilitar ta' netwerks u gruppi ta' ħidma tematiċi sabiex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mar-riġenerazzjoni urbana, l-iżvilupp lokali, iċ-ċittadinanza, kif ukoll kwistjonijiet taż-żgħażagħ.

- **20 Netwerk tematiku:** maħluqin madwar temi speċifiċi ta' politika urbana, fir-rispett ta' approċċ integrat, b'kull wieħed jistabbilixxi l-approċċ, il-mistoqsijiet prinċipali u l-proġetti prattiċi tiegħu individwali.

- **8 Gruppi ta' ħidma tematiċi:** għal 18-il xahar, dawn il-gruppi ta' ħidma laqqgħu flimkien professjonisti involuti, esperti u riċerkaturi sabiex jindirizzaw tema preċiża ta' rilevanza partikolari għall-bliet Ewropej u għall-prijoritajiet tal-Komunità.

- **Trasferiment ta' l-Għerf (eż. l-Appoġġ għall-inizjattiva ta' l-ibliet):** maħsub prinċipalment għall-Istati Membri ġodda, sabiex jipprovdi lill-ibliet parteċipanti b'għajnuna f'termini ta' ħiliet u għerf mogħtija minn esperti b'esperjenza fil-politika urbana integrata dwar id-definizzjoni u l-iżvilupp ta' strateġiji urbani integrati (involva 43 belt minn 8 pajjiżi differenti).

- **Għodod ta' kapitalizzazzjoni.** Il-kapitalizzazzjoni tibbaża fuq ċerti għodod u riżorsi li jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' l-atturi lokali: fajls tematiċi fuq il-websajt, gruppi ta' ħidma tematiċi cross cutting, konferenzi tematiċi.




*Fiera ta' URBAN II f'Dortmund-Nordstadt, il-Ġermanja.*

## URBACT II 2007-2013: l-isfida ġdida

Il-Programm Operattiv il-ġdid ġie approvat fit-2 ta' Ottubru 2007 u URBACT II ġie varat uffiċjalment fil-konferenza ta' Berlin f'Novembru. Il-prijoritajiet tal-programm il-ġdid huma konformi mal-miri ta' Lisbona u Gothenburg fil-qasam ta' l-iżvilupp urban sostenibbli u l-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-Reġjuni lejn Bidla Ekonomika.
Ġew definiti żewġ Prijoritajiet tematiċi:

**L-ewwel Prijorità:** Il-bliet, muturi tat-tkabbir u l-impjiegi
- Promozzjoni ta' l-intraprenditorjat
- Titjib ta' l-innovazzjoni u ta' l-ekonomija ta' l-għerf
- L-impjiegi u l-kapital uman

**It-tieni Prijorità:** Bliet attraenti u koeżivi
- L-iżvilupp integrat ta' żoni żvantaġġjati u żoni f'riskju ta' żvantaġġ.
- L-integrazzjoni soċjali
- L-ambjent urban

Il-programm URBACT II għandu approċċ usa' minn URBACT I. Huwa miftuħ għall-bliet kollha mill-UE, in-Norveġja u l-Iżvizzera, kif ukoll għal awtoritajiet reġjonali u universitajiet.

Biex iżżid l-impatt u n-natura eżemplari ta' l-iskambji, kull belt imsieħba se tikkommetti ruħha li tfassal **pjan ta' azzjoni lokali**, imsejjes fuq **Grupp ta' Appoġġ Lokali**. In-netwerks u l-gruppi ta' ħidma tematiċi se jinvolvu wkoll kemm jista' jkun mill-**Awtoritajiet Amministrattivi** tal-Programmi Operattivi. Bħalissa hija miftuħa sejħa għal-proposti għall-ħolqien ta' netwerks u gruppi ta' ħidma tematiċi.

Se jinħolqu wkoll poli tematiċi sabiex jassiguraw li l-programm tassew jieħu vantaġġ mill-informazzjoni disponibbli. Se jiġu stabbiliti punti ta' tixrid nazzjonali u se jiġu organizzati konferenzi reġjonali f'diversi Stati Membri sabiex iwasslu l-informazzjoni bejn il-programm URBACT II u l-atturi lokali.

### URBACT II

***Attività prinċipali:*** skambji transnazzjonali dwar l-iżvilupp urban integrat

***Kontribuzzjoni ta' l-UE (ERDF):*** EUR 53 319 170

***Pajjiżi kkonċernati:*** 27 Stat Membru ta' l-UE, in-Norveġja u l-Iżvizzera

***Awtorità Amministrattiva:*** Il-Ministeru għall-Politika Urbana Franċiż

***Kuntatt:*** *www.urbact.eu*



*TIGDID urban fi Vjenna, l-Awstrija.*

Testimonjanza

# "INTERACT: promozzjoni ta' governanza tajba fil-programmi ta' kooperazzjoni"

**_Sarah Hayes_**_, Kap ta' l-Awtorità Amministrattiva ta' INTERACT_



Il-programm INTERACT (INTERREG Animazzjoni, Kooperazzjoni u Trasferiment) huwa mmirat lejn l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati responsabbli għall-immaniġġjar u t-twettiq tal-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea. INTERACT jipprovdi appoġġ u parir tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-programm bil-għan li jippromwovi governanza tajba.

INTERACT jiffoka fuq metodi ta' amministrazzjoni iżda wkoll fuq kwistjonijiet relatati ma' l-orjentament strateġiku, u man-netwerks istituzzjonali u tematiċi. Billi jfittex kontinwament l-opinjoni ta' l-utenti, u jinvolvihom kemm jista' jkun fit-twettiq tal-programm, INTERACT joħloq u jsaħħaħ ċiklu ta' skambju – tagħlim mingħand xulxin u flimkien sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni territorjali.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2007-2013, il-programmi kollha ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea se jkollhom jiffaċċjaw sfidi ġodda u jadattaw għar-rwol akbar tal-leġislazzjoni nazzjonali. Il-programmi jridu jkunu wkoll iffukati aktar fuq l-aġendi ta' Lisbona u Gothenburg. Xi oqsma ta' kooperazzjoni jiffaċċjaw l-isfidi addizzjonali ta' ħidma mal-pajjiżi Kandidati u pajjiżi Kandidati potenzjali, kif ukoll ma' Stati Membri ġodda.



Seminar ta' INTERACT f'Budapest, Ungerija.

Kemm l-istituzzjonijiet ġodda kif ukoll dawk b'esperjenza se jkollhom ifittxu modi innovattivi sabiex itejbu l-prestazzjoni tagħhom u jwasslu programmi li jilqgħu aħjar dawn l-isfidi ġodda. INTERACT se jkompli joffri prodotti u servizzi sabiex jassisti lill-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati involuti f'dan il-proċess. It-tliet għanijiet prinċipali ta' INTERACT huma:

- li jikkontribwixxi għal effiċjenza akbar fl-immaniġġjar tal-programmi;
- li jżid l-effikaċja fit-twassil tal-programmi;
- li jiffaċilita t-trasferiment tal-konoxxenza u l-iskambju ta' l-għerf bejn il-programmi u l-komponenti.

Sabiex jinkiseb dan, INTERACT se jkollu approċċ ġdid iffukat b'mod reġjonali, li jindirizza l-programmi permezz tas-Segretarjat ta' INTERACT fi Vjenna, u erba' Punti INTERACT f'Valenzja (Spanja), Viborg (id-Danimarka), Vjenna (l-Awstrija) u Turku (il-Finlandja), li se jservu gruppi reġjonali ta' programmi transkonfinali u transnazzjonali.

It-temi prinċipali indirizzati minn INTERACT jinkludu: l-immaniġġjar tal-programmi u l-immaniġġjar finanzjarju; l-immaniġġjar tal-proġetti u s-sostenn għalihom; il-kapitalizzazzjoni ta' INTERREG; l-ippjanar strateġiku tal-programmi; l-awditjar u l-kontrolli; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; il-komunikazzjoni; u l-kooperazzjoni esterna.

Taħt l-ewwel programm ta' INTERACT ġew żviluppati firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi u l-programm il-ġdid se jadatta dawn wkoll għall-perjodu ġdid ta' programmazzjoni. Permezz ta' seminars, konferenzi, servizzi ta' konsulenza, manwali u strumenti online, INTERACT ser jaħdem sabiex iħaffef u jissimplifika t-tmexxija ta' kuljum tal-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.

***Aktar tagħrif u avvenimenti li ġejjin:***
*www.interact-eu.net*

**INTERACT II**

***Attività prinċipali:*** Informazzjoni dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.

***Kontribuzzjoni ta' l-UE (ERDF):***
EUR 34 033 512

***Pajjiżi kkonċernati:*** 27 Stat Membru ta' l-UE, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-pajjiżi għirien

***Awtorità Amministrattiva:*** Il-Kanċellerija Federali ta' l-Awstrija

***Kuntatt:***
*interact@interact-eu.net (www.interact-eu.net)*

Testimonjanza

# "ESPON: fehim ta' l-iżvilupp spazjali fl-Ewropa"



***Peter Mehlbye**, Direttur tat-taqsima ta' koordinament ta' ESPON*

In-"Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Ispazji" (ESPON), li ġie varat fl-2002, huwa programm taħt il-Fondi Strutturali bil-kompitu speċjali li jistudja d-dinamiċi fi ħdan it-territorju Ewropew. L-attenzjoni qiegħda fuq l-istrutturi territorjali, ix-xejriet, il-perspettivi u l-impatti tal-politika ta' l-UE ġewwa l-Unjoni Ewropea. Tingħata informazzjoni komparabbli dwar ir-reġjuni u l-bliet ta' l-Ewropa sabiex issostni l-iżvilupp tal-politika, it-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi.

Sabiex jipprovdi evidenza u għerf dwar id-diversità fl-Ewropa, l-ewwel Programm ta' l-ESPON wettaq numru ta' proġetti u studji ta' riċerka applikata. Dan wettaq 34 proġett ta' riċerka applikata billi qabbad gruppi ta' proġetti transnazzjonali. Ħadu sehem aktar minn 130 istituzzjoni Ewropea differenti u 600 riċerkatur, li ffurmaw komunità xjentifika Ewropea fil-qasam ta' l-ippjanar ta' l-ispazji Ewropew.

Fi żmien qasir, il-Programm ta' l-ESPON kien ipproduċa ammont sostanzjali ta' għerf ġdid dwar xejriet fl-iżvilupp ta' l-ispazji, l-impatt tal-linji politiċi ta' l-UE, kif ukoll dwar l-opportunitajiet ta' żvilupp u l-mogħdijiet prospettivi ta' żvilupp fi ħdan it-territorju Ewropew. Ir-riżultati ta' l-ESPON saru disponibbli għal dawk li jagħmlu l-politika, għas-soġġetti interessati u oħrajn b'interess fl-iżvilupp spazjali Ewropew. Id-*data*, l-indikaturi, u l-mapep huma disponibbli wkoll permezz tal-websajt ta' l-ESPON u f'diversi pubblikazzjonijiet ta' l-ESPON.

Is-sejbiet ta' l-ESPON intużaw f'dokumenti ta' politika, b'mod partikolari fuq il-livell Ewropew, u qegħdin jiġu applikati dejjem aktar fi strateġiji għall-iżvilupp nazzjonali u reġjonali. Huma rriżultaw ukoll siewja għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali u transkonfinali. Qiegħed isir dejjem aktar evidenti li l-konsiderazzjonijiet dwar l-iżvilupp għar-reġjuni, il-bliet u territorji akbar jeħtieġ li jinkludu perspettiva Ewropea.

## Il-Programm il-ġdid ESPON 2013

Il-Programm ESPON 2013, li għandu jibda f'Jannar 2008, ser jassigura kontinwità kif ukoll approċċi innovattivi fil-konsolidament ta' netwerk Ewropew ta' osservazzjoni dwar l-iżvilupp spazjali u l-koeżjoni.

Il-missjoni tiegħu hija li jsostni l-iżvilupp ta' politika relatata mal-koeżjoni territorjali u żvilupp armonjuż tat-territorju Ewropew. Se jiġu analizzati diversi temi soċjo-ekonomiċi, ambjentali u kulturali. Dawn it-temi se tittieħed deċiżjoni dwarhom minn min ifassal il-politika, u informazzjoni, evidenza, analiżi u xenarji komparabbli se jsiru disponibbli matul is-seba' snin li ġejjin, sabiex jistimulaw analiżi aktar integrata ta' l-iżvilupp tar-reġjuni, ta' l-ibliet u ta' territorji akbar. Dan għandu jiffaċilita l-mobilizzazzjoni ta' kapital territorjali u potenzjali mhux użati biżżejjed, u hekk jikkontribwixxi sabiex itejjeb il-kompetittività Ewropea, il-koeżjoni territorjali Ewropea u l-kooperazzjoni.

## Analiżi mmirata fi sħubija mar-reġjuni u l-ibliet

Novità waħda tal-Programm ESPON 2013 hija l-introduzzjoni ta' analiżi mmirati bbażati fuq it-talba ta' l-utent. Dan l-approċċ isostni użu aktar intensiv tar-riżorsi eżistenti fi sħubija ma' gruppi differenti ta' partijiet interessati. L-għan huwa li jitkabbar il-fehim tal-kuntest spazjali aktar wiesa', isiru paraguni ma' territorji, reġjuni u bliet oħra, u jinħolqu dinamiċi ġodda ta' żvilupp billi tiżdied dimensjoni u fehim Ewropew għad-deliberazzjonijiet.

***Aktar tagħrif u avvenimenti li ġejjin:***
***http://www.espon.eu/***

### ESPON 2013 Programme

***Attività prinċipali:*** Osservazzjoni ta' l-ippjanar spazjali Ewropew

***Kontribuzzjoni ta' l-UE (ERDF):*** EUR 47 000 000

***Pajjiżi kkonċernati:*** 27 Stat Membru ta' l-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera

***Awtorità Amministrattiva:*** Ministeru ta' l-Intern u l-Iżvilupp Spazjali tal-Lussemburgu

***Kuntatt:*** *info@espon.eu (http://www.espon.eu/)*



*Għerf ġdid sostanzjali dwar tendenzi fl-iżvilupp spazjali.*

INTERREG fl-azzjoni

## INTERREG IVA EMS-DOLLART-REGION

### Y4I – Inkoraġġiment ta' l-innovaturi żgħażagħ



**Spiża totali:** EUR 679 490
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 412 665

Iż-"Żgħażagħ għall-Innovazzjoni (Y4I)" huwa proġett pilota sabiex iħarreġ lil persuni żgħażagħ fl-aspetti kollha ta' l-innovazzjoni. L-għanijiet huma li tiżdied il-kapaċità innovattiva tar-reġjuni kkonċernati, li l-SMEs jiġu pprovduti b'ħaddiema mħarrġa u jiżdied l-għarfien tagħhom dwar ir-regoli tar-riċerka fuq il-livell ta' UE. Matul il-fażi pilota (Ottubru 2005 – Ġunju 2007) Y41 ġie implimentat mir-reġjun ta' Weser-Ems (D) f'kollaborazzjoni ma' l-Andalusija (E), Lubelskie (PL), Karelia ta' Fuq (FIN), ir-Reġjun Eġew tan-Nofsinhar (GR) u l-Awstrija ta' Fuq (A). Il-proġett ġie ffinanzjat taħt l-Operazzjoni ta' INTERREG IIIC "Tibdil fuq il-Fruntieri". L-attivitajiet tal-proġett kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' kurrikuli ta' innovazzjoni fi 23 skola u università pilota fi ħdan is-sitt reġjuni. Bħala riżultat, "xjenzati żgħażagħ" żviluppaw 52 proġett żgħir ta' riċerka fuq kwistjonijiet prattiċi komuni għaż-żoni transkonfinali. Y41 se jkompli bħala proġett transkonfinali bejn l-Olanda u l-Ġermanja u se jiġi ffinanzjat mill-Ems Dollart Region (INTERREG IVA)."

***Daniel Kipp**, Direttur tal-Proġett, Europe Direct Oldenburg c/o Dieter Meyer Consulting GmbH*
***kipp@eurooffice.de***
***www.y4i.net***

## INTERREG IIIA WALES/IRLANDA

### Celtic Enterprises: l-intraprenditorjat fl-edukazzjoni



**Spiża totali:** EUR 1 305 549
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 962 765

"Celtic Enterprises inkoraġġew l-intraprenditorjat fi skejjel fil-Punent ta' Wales u fix-Xlokk ta' l-Irlanda billi pprovdew 'esperjenzi veri tan-negozju'. Timijiet sa massimu ta' ħames studenti pparteċipaw fl-istabbiliment u t-tmexxija ta' 'negozju veru' sa perjodu massimu ta' sitt xhur, biex hekk kisbu esperjenza tal-ħiliet meħtieġa biex tmexxi kumpanija. In-negozji li rnexxew ikkompetew f'kompetizzjoni annwali kongunta bejn Wales u l-Irlanda u wettqu wkoll żjarat ta' skambju kummerċjali. L-istudenti fl-iskejjel kollha kkomunikaw ma' xulxin b'diversi modi, fosthom b'konferenzi-vidjo. L-għalliema wkoll kisbu ħiliet fit-tagħlim ta' l-intraprenditorjat permezz ta' programm ta' żvilupp imfassal apposta għalihom. Dawk li jagħtu pariri dwar il-karrieri issa integraw l-intrapriża fil-programmi ta' gwida tagħhom u l-proġett poġġa l-bażi għal programm koordinat, għall-etajiet kollha, ta' edukazzjoni dwar l-intrapriża fl-iskejjel u l-kulleġġi. L-imsieħba issa qed jippjanaw biex jieħdu dan il-proġett transkonfinali li tant irnexxa lejn pajjiżi oħra ta' l-UE permezz ta' Interreg IVA u Interreg IVC."

***Philip Drakeford**, Direttur tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Karrieri Punent ta' Wales*
***philipdrakeford@cwwest.co.uk***

## INTERREG IIIA OBERHEIN-MITTE-SÜD

### "Pont ta' tliet pajjiżi" għall-*pedestrians* u ċ-ċiklisti



**Spiża totali:** EUR 8 259 863
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 1 680 000

"Il-bini tal-'Pont ta' Tliet Pajjiżi' għaqqad il-komunitajiet ta' Weil am Rhein fil-Ġermanja u Huningue fi Franza, li jinsabu fuq iż-żewġ naħat tar-Rhine, mhux bogħod minn Basel fl-Iżvizzera, u għalhekk l-isem tal-pont. Mifrux fuq 248 m, dan huwa l-itwal pont li jżomm fuqu nnifsu fid-dinja għall-pedestrians u ċ-ċiklisti. Huwa nfetaħ uffiċjalment fit-30 ta' Marzu 2007. Nies lokali miż-żewġ naħat tar-Rhine ċċelebraw il-ftuħ permezz ta' festa ta' jumejn tul il-pont fl-aħħar ta' Ġunju. Għal dawn il-komunitajiet transkonfinali, il-pont issa sar simbolu tal-ħbiberija Franko-Ġermaniża, attrazzjoni turistika u, bis-saħħa ta' l-għamla tiegħu, li tixbah qawsalla, simbolu tal-paċi."

***Wolfgang Dietz**, Sindku tal-Belt ta' Weil am Rhein.*
***Roland Igersheim,** Chairman tal-Communauté de Communes des Trois Frontières.*
***stadt@weil-am-rhein.de***

## INTERREG IIIA LITWANJA/POLONJA

### VIDEOCOM: skola tal-films transkonfinali



**Spiża totali:** EUR 69 160
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 51 870

"Il-proġett VIDEOCOM jipprovdi taħriġ u tagħmir tal-vidjo għall-istudenti u l-impjegati fl-Universitajiet ta' Gdansk, Klaipeda u Olsztyn. B'kollox, 36 parteċipant se jakkwistaw il-ħiliet li għandhom bżonn biex jagħmlu l-films. Huma se jitgħallmu kif jiktbu skript ta' film u kif jiġbdu l-film u jeditjaw il-materjal. B'riżultat ta' dan it-taħriġ, huma se jkollhom għarfien aħjar ta' kif isiru l-films, li għandu jinkoraġġihom biex jagħmlu użu minn dan il-mezz fil-promozzjoni ta' l-universitajiet, il-bliet u r-reġjuni tagħhom. Se jiġu prodotti erba' films matul il-proġett : 'Nies tax-xjenza'; 'Problemi u prospetti ta' żvilupp tan-negozji żgħar'; 'Sorsi ekoloġiċi ta' l-enerġija'; u 'Irziezet Agrituristiċi'."

***Jerzy Olak**, Koordinatur tal-Proġett, Università ta' Warmia u Mazury f'Olsztyn*
***jerzy.olak@uwm.edu.pl***

Rapport

## Kooperazzjoni territorjali Franċiża-Belġjana

# Tneħħija tal-fruntiera

**Mijiet ta' sħubijiet fis-saħħa, il-kultura, it-teknoloġija, l-ambjent, iċ-ċittadinanza u aktar. Minn PACTE għal INTERREG IV, il-kooperazzjoni transkonfinali Franċiża-Belġjana sejra tajjeb ħafna tassew.**



*Turiżmu kulturali aċċessibbli għal kulħadd huwa prijorità għan-"Netwerk ta' Rħula Fortifikati".*

"*Ċertament kienet biċċa xogħol iebsa!*" esklama Henri Lewalle, il-persuna responsabbli mill-affarijiet Ewropej u l-kooperazzjoni transkonfinali fl-*Alliance nationale des Mutualités chrétiennes* (Alleanza Nazzjonali tas-Soċjetajiet Mutwali Nsara), l-akbar organizzazzjoni ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa fil-Belġju. "*Il-kura tas-saħħa huwa qasam kumpless ħafna u politiċizzat għall-aħħar,*" jispjega. "*Huwa wkoll settur avanzat ħafna, li jimpjega nies imħarrġa ħafna. Li tilħaq kunsens f'dan il-qasam tista' tkun taqtigħa iebsa kultant, iżda vallapena l-isforz.*"

Henri Lewalle jista' jibqa' sejjer jitkellem bla waqfien dwar il-kooperazzjoni transkonfinali Franċiża-Belġjana fil-kura tas-saħħa, proġett li huwa kkoordina għal madwar 15-il sena. "*Ma rridx niftaħar, iżda aħna qegħdin fost l-aktar avanzati fl-Ewropa. Kollox beda fl-1990 bil-proġett PACTE bejn Hainaut, Nord-Pas-de-Calais u Picardie u l-ewwel stadju ta' INTERREG. Aħna u l-ħbieb tagħna Franċiżi ltqajna u staqsejna lilna nfusna u lil xulxin: 'X'nistgħu nagħmlu flimkien?' Għall-ewwel ma ħsibniex fil-kura tas-saħħa bħala settur eliġibbli billi jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri individwali. Iżda mbagħad ħarisna lejn il-kwistjoni mill-perspettiva ta' proġett transkonfinali u stabbilejna lilna nfusna l-mira li nassiguraw li l-popolazzjonijiet transkonfinali jgawdu l-istess benefiċċji tas-saħħa bħall-ħaddiema tal-fruntiera.*"



*Il-proġett "Mabiolac" jimmira li jipproduċi materjali bijodegradabbli ġodda mill-aċidu lattiku.*

### L-Osservatorju tas-Saħħa Franċiż-Belġjan

L-Osservatorju tas-Saħħa Franċiż-Belġjan kien l-ewwel proġett ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u l-kompitu inizjali tiegħu kien li jwettaq studji dwar il-proviżjon tal-kura tas-saħħa fi Franza u l-Belġju. Madankollu, fl-1992, bl-impetu tal-Professur Mouton, li huwa speċjalista internazzjonali dwar mard infettiv

bħall-AIDS u s-SARS, ġie inawgurat proġett ta' kooperazzjoni bejn l-isptarijiet ta' Tourcoing u Mouscron; dawn qegħdin ftit mijiet ta' metri biss 'il bogħod minn xulxin iżda huma 'separati' mill-fruntiera. Il-proġett kien ifisser li n-nies li jgħixu qrib il-fruntiera setgħu jibbenefikaw mill-kompetenza esperta ta' kull stabbiliment fil-qasam speċjalizzat partikolari tiegħu: l-AIDS f'Tourcoing u l-insuffiċjenza renali kronika f'Mouscron. Fl-1992 ġie ffirmat l-ewwel ftehim INTERREG bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, li għadu għaddej sal-lum: Mouscron jipprovdi emodijalisi għal 300 pazjent Franċiż u Belġjan kull sena, filwaqt li Tourcoing jittratta 800 pazjent bl-AIDS. Ftehimiet oħra se jittrattaw patoloġiji oħra f'partijiet oħra tar-reġjun transkonfinali. "*Kwalunkwe ftehim li nfasslu jfisser ekonomiji ta' skala bis-saħħa tan-natura kumplimentari tax-xogħol tagħna. Fl-istess ħin, tagħmir li jiswa ħafna flus jibqa' profittabbli u hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa,*" jirrimarka Henri Lewalle. "*Ridna nibnu fuq din is-sħubija ma' INTERREG II. Fl-1999, ħloqna l-Osservatorju tas-Saħħa Franċiż-Belġjan, li huwa federazzjoni tal-partijiet interessati reġjonali kollha fis-settur (bħall-fondi ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa Franċiżi, is-soċjetajiet mutwali Belġjani u l-assoċjazzjonijiet tat-tobba) fiż-żona transkonfinali – b'kollox hemm 55 istituzzjoni membru.*"

L-Osservatorju sar 'Raggruppament ta' Interess Ekonomiku Ewropew' (EEIG) taħt INTERREG III fl-2002. Din il-bażi legali ffaċilitat il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Qafas Franċiż-Belġjan dwar kooperazzjoni transkonfinali fil-kura tas-saħħa, wieħed mill-ewwel tax-xorta tiegħu fl-Ewropa, fit-30 ta' Settembru 2005. "*Huwa meraviljuż li proġett INTERREG wassal għal ftehim bejn stati differenti. Fuq kollox, dak kien biss il-bidu...*"

L-Osservatorju fetaħ il-bieb għal proġetti oħra importanti ta' kooperazzjoni bħal TRANSCARDS, li jippermetti lill-50,000 abitant ta' Thiérache, reġjun rurali fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn Franza u l-Belġju, li jirċievu kura f'seba' sptarijiet Franċiżi u Belġjani, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Dan il-proġett kien l-ispirazzjoni biex jiġu implimentati 'żoni ta' aċċess organizzati għall-kura tas-saħħa bejn il-fruntieri' (ZOASTs), li jagħmluha possibbli għall-popolazzjoni fiż-żona tal-fruntiera sabiex tirċievi kura *outpatient* u ġewwa l-isptar fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera. Il-pazjenti m'għandhomx bżonn awtorizzazzjoni medika minn qabel biex jagħmlu dan, u huma jistgħu jirċievu l-kura billi sempliċement juru l-karta ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa tagħhom, billi s-softwer jiggarantixxi l-interoperabilità tal-qarrejja tal-kards SIS (Belġju) u Vitale (Franza). Attwalment hemm żewġ programmi ZOAST jiffunzjonaw. Iz-ZOAST għar-reġjun tal-fruntiera bejn il-Wallonia u t-tarf ta' l-Ardennes Franċiż tkopri xi żoni mdawra b'artijiet barranin fejn huwa aktar faċli għar-residenti li jaċċedu għall-kura tas-saħħa ta' pajjiż barrani milli għall-kura tas-saħħa ta' pajjiżhom stess – per eżempju, il-pazjenti fid-distretti Franċiżi ta' Givet u Fumay jistgħu jiġu kkurati f'Dinant, fil-Belġju, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal fi Franza. Xi 180,000 ruħ igawdu minn din l-iskema. ZOAST oħra tkopri ż-żoni urbani ta' Mouscron, Tourcoing, Roubaix u Wattrelos. Din tinvolvi erba' sptarijiet u xi 300,000 ruħ.

"*Maż-żmien u bid-diversi fażijiet ta' INTERREG, aħna mxejna mill-produzzjoni ta' ftehimiet dwar patoloġiji speċifiċi (AIDS, insuffiċjenza renali, eċċ.) għall-iżvilupp ta' struttura ta' aċċess għal kura tas-saħħa organizzata (eż. TRANSCARDS, ZOASTs, servizzi tas-saħħa ta' l-emerġenza). L-ambizzjoni tagħna issa hija li niżviluppaw firxa sħiħa ta' kura tas-saħħa bejn il-fruntieri għal kulmin jgħix fir-reġjun. Bis-saħħa ta' INTERREG u l-liġi Ewropea, li tagħmel ħafna biex tippromwovi ftehimiet bħal dawn, din hija mira għalkollox realistika.*"



*"Mini-Usines", programm ta' taħriġ transkonfinali.*

## Infejqu l-feriti ta' l-istorja

It-tneħħija tal-fruntiera tfisser ukoll konċentrazzjoni fuq l-aqwa wirt ta' dik li sikwit kienet storja mqanqla, kif juru l-bosta fdalijiet ta' fortizzi u mkejjen fortifikati oħra. F'dan ir-rigward, in-'Netwerk ta' Irħula Fortifikati' – b'appoġġ konsiderevoli minn INTERREG – ittrasforma żoni li qabel kienu ta' kunflitt f'postijiet ta' laqgħat.

"*Oriġinarjament,*" *qalet Solange Leclercq, il-koordinatriċi għal-linja tal-kosta ta' Nord-Pas-de-Calais (Franza),* "*l-istakeholders lokali fi Gravelines riedu jieħdu vantaġġ mill-wirt għani tal-fortifikazzjonijiet billi jibnu rabtiet ma' rħula fortifikati oħra fir-reġjuni ġirien tal-Belġju u r-Renju Unit, eżattament il-West Flanders u Kent.*" Din ix-xewqa wasslet għall-ħolqien ta' proġett INTERREG II fl-1996, li kien estiż bejn l-2000 u l-2006 minn INTERREG III u huwa mmaniġġjat minn tliet imsieħba: il-Provinċja ta' West Flanders (kap tal-proġett), is-Syndicat mixte de la Côte d'Opale fi Franza u l-Kunsill tal-Kontea ta' Kent. Fil-bidu kien hemm 17-il sit membru. Sa l-2007, kien hemm 25. L-attivitajiet imwettqa taħt dan il-proġett jgħaqqdu impriżi konġunti bejn il-fruntiera u inizjattivi speċifiċi mis-siti membri, li kollha jfittxu li jilħqu l-għanijiet ta' l-iskema. "*Is-self ta' INTERREG u n-nies involuti kienu t-tnejn fatturi deċiżivi f'dan il-proġett: mingħajr is-self, il-proġett xorta waħda seta' eżista, iżda ma kienx ikun jista' jagħmel daqstant.*" Il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ma kinetx l-unika sfida: "*Vantaġġ wieħed ta' INTERREG għalina hawnhekk fi Franza huwa li għen irħula u anki dipartimenti differenti fl-istess organizzazzjoni tal-gvern sabiex jaħdmu flimkien aħjar.*"

Għan wieħed prinċipali tal-proġett INTERREG III (madwar €11,218,000, li €3,404,000 minnhom ġew mill-ERDF) kien li jippromwovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda. Ġew ittestjati diversi sistemi ta' gwidi awdjo fi bliet pilota madwar it-tliet reġjuni, u finalment intgħażlet sistema – sperimentata l-ewwel darba f'Menen, il-Flanders - li taħdem fuq il-bażi ta' telefons mobbli. Saru wkoll żjarat iggwidati bl-awdjo u websajt (www.fortifications.org) biex isostnu l-kotba ta' gwida għal kull lingwa, il-fuljett bi tliet ilsna u firxa ta' materjal stampat. Prijorità oħra hija li jiġi pprovdut aċċess għall-akbar firxa wiesgħa ta' nies possibbli, b'mod partikolari lill-persuni b'diżabilità: "*Dik kienet il-parti moħbija ta' l-ajsberg, biċċa xogħol enormi bi ftit li xejn riżultati li jidhru. Ma kien hemm ebda standards f'dan il-qasam u aħna ħtiġilna nistabbilixxu kriterji konġunti. Biex nagħmlu dan, evalwajna kull raħal membru mill-perspettiva ta' aċċessibilità, ħloqna rabtiet bejn dipartimenti differenti u kkooperajna ma' organizzazzjonijiet li jittrattaw speċifikament mad-diżabilitajiet.*"



## 3 mistoqsijiet

**lil Jean-Pierre Robbeets,**

**Spettur Ġenerali,**
*Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali tar-Reġjun ta' Walloon*

- **Kif tivvaluta kważi għoxrin sena ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn il-Belġju u Franza?**
  Jiena sodisfatt ħafna biha għaliex kienet eċċitanti ħafna u l-fażijiet differenti ta' INTERREG li fihom ħadna sehem mill-1990 'l hawn dejjem ħadmu sewwa ħafna. Minn lat amministrattiv, per eżempju, qatt ma kellna għalfejn napplikaw ir-regola tad-diżimpenn awtomatiku(1). L-aktar ħaġa importanti, numru kbir ta' proġetti ġew implimentati fiż-żoni kollha. Bosta minn dawn ħarġu minn attivitajiet u sħubijiet sostenibbli. Naturalment, fir-reġjun transkonfinali, xi żoni huma aktar miftuħin għall-kooperazzjoni minn oħrajn.
- **Il-kooperazzjoni hija sors ta' innovazzjoni?**
  L-innovazzjoni hija essenzjali għall-progress: li twaqqa' l-fruntieri hija innovazzjoni fiha nnifisha! Inizjattivi transkonfinali bħal skambji tat-teknoloġija, uffiċċji konġunti tat-turiżmu, aċċess għall-kura tas-saħħa u transport pubbliku bejn il-fruntieri huma wkoll ideat innovattivi.
- **X'taħseb li hija l-formula għal kooperazzjoni li tirnexxi?**
  Qabelxejn, għandek bżonn ċerta mentalità: trid tkun trid li tirnexxu flimkien. Il-politiċi jridu jkunu kommessi lejn il-proġett. Trid tkun familjari ħafna wkoll ma' l-istruttura amministrattiva ta' l-imsieħba tiegħek. Fl-aħħarnett, trid tkun trasparenti u tinvolvi liċ-ċittadini. Mhux għaliex huwa ġest sabiħ, iżda sabiex tassigura li dawn iħossu li l-proġetti huma tagħhom filwaqt li turihom li l-Ewropa hija attiva wkoll fuq livell lokali.

(1) Obbligu li tagħti lura lill-Kummissjoni kwalunkwe flus mislufa li ma jkunux intużaw sentejn wara li jkunu ngħataw.

Fil-fażi finali, l-attenzjoni kienet fuq l-iżvilupp ta' inizjattivi edukattivi – l-assoċjazzjoni Fjamminga 'Horizon Educatief' kienet il-forza dinamika f'dan il-qasam. Din il-fażi ma kinetx mingħajr l-isfidi tagħha, li rriżultaw prinċipalment min-natura ċentralizzata ħafna ta' l-edukazzjoni fi Franza u l-fatt li mhijiex il-Provinċja iżda r-Reġjun li huwa responsabbli għall-edukazzjoni fil-Flanders. Lanqas ma kienet mingħajr suċċessi kbar, bħal Jum il-Wirt Ewropew għaż-Żgħażagħ fi Franza, li ġie inkorporat fil-programm tal-Ġranet tal-Wirt Ewropew. Il-ħames Jum il-Wirt Ewropew għaż-Żgħażagħ sar fl-2007, fil-ħames snin mill-bidu tiegħu gawdew mill-programm 32,550 tifel u tifla. Din l-inizjattiva teżisti wkoll f'Ostend, fil-Flanders, fejn fil-fatt ilha teżisti qabel in-netwerk.

Minn perspettiva ta' impjiegi, l-irwol tal-'workshops ta' integrazzjoni' fi Franza huwa ta' min isemmih. Din l-iskema tfisser li persuni żgħażagħ se jiġu impjegati u mogħtija ċertifikati għar-restawr tal-fortifikazzjonijiet, qasam li fih l-ispejjeż tal-persunal ġeneralment huma għolja ħafna. Il-livell għoli ta' kooperazzjoni xjentifika bejn it-tliet reġjuni għandu wkoll jiġi diskuss – għandu użi fix-xogħol ta' restawr kif ukoll fil-popolarizzazzjoni.

Madankollu, Solange Leclercq tinsisti li l-aktar fattur importanti li għandu jiġi kkunsidrat huwa "*l-ammont totali ta' ħin u riżorsi meħtieġa għall-koordinazzjoni.*" Dan huwa konfermat mill-kontroparti Fjamminga tagħha, Sophie Muyllaert, li tenfasizza l-kwalità ta' din is-sħubija: "*Kellna tim effiċjenti fuq livell transkonfinali. Iltqajna kull xahrejn u ma kellniex problemi serji bil-lingwa jew kwisjonijiet dwar kif naqsmu l-fondi. Dejjem qbilna ħafna f'dak ir-rigward.*"

Kollox qiegħed jinbidel għall-2007-2013: il-proġett qadim tan-Netwerk ta' Irħula Fortifikati ta r-riżultati u l-imsieħba involuti mhux beħsiebhom iġedduh formalment. Pjuttost, qed jippjanaw li jimxu lilhinn mill-fortifikazzjonijiet u jespandu f'oqsma differenti. L-irħula membri jistgħu jkunu interessati dwar kif żvilup-paw proġetti oħra, sew jekk inhuma marbuta ma' kooperazzjoni transnazzjonali (INTERREG III B) bħal 'Septentrion: minn raħal fortifikat għal raħal sostenibbli' u 'Naqsmu l-Fruntieri' jew ma' kooperazzjoni interreġjonali (INTERREG III C).

## Il-MAC's u l-MAM

Hornu, fil-provinċja Belġjana ta' Hainaut mhuwiex raħal fortifikat, iżda l-post ta' struttura importanti mibnija bejn l-1810 u l-1830: il-Grand-Hornu, eżempju uniku ta' urbaniżmu funzjonali mill-bidu ta' l-era industrijali. Is-sit, mibni bi stil neoklassiku, jinkludi ħwienet tax-xogħol, uffiċċji u residenzi kemm għall-ħaddiema kif ukoll għad-diretturi. Bil-ħafna arkati, frontuni u twieqi nofs qamar tagħhom, il-bini tal-minjiera l-qadima huwa sfond meraviljuż għall-MAC's, il-Mużew ta' l-Arti Kontemporanja tal-Komunità Franċiża tal-Belġju, li ilu hemm mill-2002. Il-MAC's, li jfittex li jikkontribwixxi sabiex iġib sottoreġjun meqrud 'il quddiem kulturalment u ekonomikament, għandu persunal ta' 50 ruħ u jżuruh 75,000 ruħ kull sena.

Minn mindu ġie mwaqqaf, il-mużew iffoka fuq il-kooperazzjoni. "*INTERREG, li ġie varat fl-istess żmien li fetaħ il-mużew, kien barka għalina,*" jgħid Julien Foucart, li jaħdem fuq il-proġett INTERREG fil-MAC's. "*INTERREG tana l-opportunità biex nikkonkludu ftehim ta' sħubija formali mal-MAM, il-Mużew ta' l-Arti Moderna ta' Lille l-Kbira, li ġie mwaqqaf fl-1983. Aħna għandna ħafna affarijiet komuni: l-istess kultura reġjonali, l-istess struttura operattiva u l-istess tip ta' post – ninsabu fuq siti straordinarji li huma relattivament viċin ta' xulxin. Bis-saħħa ta' INTERREG, aħna bbenefikajna immedjatament minn influss ta' viżitaturi Franċiżi u, fuq kollox, mill-esperjenza prezzjuża tal-MAM.*"

Il-proġett 'Borderline' li jgħaqqad iż-żewġ mużewijiet għandu żewġ għanijiet prinċipali: li jkabbar l-għarfien ta' persuni żgħażagħ żvantaġġati dwar l-arti moderna u kontemporanja u jżid il-mobilità ta' dawk li jattendu l-mużewijiet bejn iż-żewġ reġjuni. Il-proġett ta' kooperazzjoni tagħhom inkluda kampanji promozzjonali konġunti u madwar għoxrin proġett edukattiv. Huma skambjaw ukoll kollezzjonijiet u waqqfu netwerk ("REZI") ta' l-istakeholders kulturali prinċipali fiż-żona INTERREG. Madankollu, il-qofol ta' din is-sħubija wasal fl-2005 meta l-MAM, li kellu jagħlaq sa l-2009 minħabba xogħol ta' estensjoni, bagħat il-kollezzjonijiet tiegħu u ftit mill-kollezzjoni ta' riserva tiegħu lill-MAC's. "*Fi ftit snin biss, għamilna daqsxejn progress mhux ħażin flimkien,*" tgħid Dominique Cominotto, deputat maniġer tal-MAC's. "*Issa għandna ħafna aktar minn sempliċement sħubija, għandna integrazzjoni vera bejn it-timijiet tagħna. Kbirna tassew.*"

M'hemmx nuqqas ta' proġetti b'INTERREG IV – iż-żewġ mużewijiet huma lesti biex jaħdmu ma' sħab ġodda, xi wħud importanti ħafna minn daqshekk: huma qegħdin jiffurmaw rabtiet mal-Louvre, li mill-2008 se jkollu fergħa f'Lille, u l-Mużew Dr. Guislain f'Ghent, li jispeċjalizza fl-art brut. L-ideat għall-ġejjieni

jinkludu l-proġett *Navettes de l'Art* (transport bil-kowċ bejn Ghent, Lille, Hornu, Lens, eċċ), il-proġett tal-*Musées jardins* (attivitajiet tas-sajf immirati lejn il-familji), ġbir ta' dokumenti miżmuma mill-erba' mużewijiet u anki wirja – f'post li qabel kien dwana.

## Il-ġirien

"*Il-kooperazzjoni INTERREG bejn Franza u l-Belġju taħdem tajjeb daqs il-kuntrabandu tat-tabakk fl-imgħoddi,*" iċċajta Didier Tellier, il-Kap ta' l-Informazzjoni fid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni tar-Reġjun ta' Walloon, l-awtorità amministrattiva tal-programm INTERREG III A Franza-Wallonia-Flanders (ara t-test fil-kaxxa). "*Naturalment, dan kollu huwa iffaċilitat mill-qrubija kulturali u ġeografika tagħna. Iżda hemm fattur ieħor li huwa partikolarment importanti: l-involviment tan-nies milquta mill-proġett. F'dan ir-rigward, probabbli rridu ntejbu l-komunikazzjoni tagħna. B'INTERREG IV, nimmiraw li*



*Il-Proġett "GoGIS": ġenerazzjoni ta' Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika transkonfinali.*

*nibnu fuq l-istrateġiji mill-fażijiet preċedenti – Lisbona, Gothenburg, ir-riċerka, l-iżvilupp sostenibbli, il-kultura, u l-bqija – u li nassiguraw li nikkomunikaw b'mod aktar konsistenti maċ-ċittadini u l-promoturi tal-proġett.*"

L-aħħar kelma bi dritt tmur għal wieħed minn dawn il-promoturi tal-proġett - Jean-Marc Popot, id-direttur taċ-Ċentru Reġjonali ta' l-Innovazzjoni u t-Trasferiment tat-Teknoloġija (CRITT) f'Charleville-Mézières, li jispeċjalizza fit-trattament tas-superfiċje u huwa involut f'żewġ proġetti INTERREG: "*Il-valur miżjud ta' INTERREG huwa pjuttost sempliċi, li jippermettilna naħdmu mal-ġirien tagħna. Qabel INTERREG, ma kellniex mentalità transkonfinali. Konna mmorru u nfittxu għat-talent fi Franza, 800 km minn Charleville, meta stajna sibnieh fil-Belġju, eżatt fuq l-għatba tagħna.*"

### INTERREG IV France-Wallonia-Flanders (2007-2013)

Il-programm INTERREG IV "France-Wallonie-Vlaanderen", li għandu baġit totali ta' madwar €248.5 miljun, li ftit aktar minn €138 miljun minnhom jiġu mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF), għandu erba' prijoritajiet:

1) li jkabbar l-iżvilupp ekonomiku fiż-żona permezz ta' approċċ transkonfinali integrat u koerenti;
2) li jiżviluppa u jippromwovi l-identità transkonfinali tar-reġjun permezz ta' attivitajiet kulturali u t-turiżmu;
3) li jkabbar is-sentiment ta' appartenenza għal żoni komuni billi jtejjeb il-firxa ta' servizzi transkonfinali u l-aċċess tan-nies għalihom;
4) li jagħmel it-tmexxija konġunta taż-żona aktar dinamika bi żvilupp li jkun sostenibbli, koordinat u jaqbel mal-kundizzonijiet tal-ħajja.

Huwa pprovdut ukoll appoġġ tekniku għall-iskopijiet ta' struzzjoni u implimentazzjoni tal-proġett.

B'10.5 miljun ruħ jgħixu f'żona li tkopri 61,604 km², ir-reġjun kopert bil-proġett ta' kooperazzjoni jirrappreżenta 1.84% u 2.6% ta' l-arja tas-superfiċje u tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, rispettivament.

Il-programm INTERREG IV Franza-Wallonia-Flanders ġie approvat fit-18 ta' Novembru 2007 u huwa mmaniġġjat mir-Reġjun ta' Walloon (il-Belġju).




**Kuntatt:**
*http://www.interreg-fwvl.org/*

INTERREG fl-azzjoni

## INTERREG IIIB CADSES

### CORELOG - COordinated REgional LOGistics (Loġistiċi Reġjonali Koordinati)



**Spiża totali:** EUR 1 486 600
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 957 450

"Il-proġett CORELOG, li jinvolvi sitt Stati Membri, jiffoka fuq l-iżvilupp ta' linji politiċi pubbliċi fl-oqsma tal-loġistika u t-trasport tal-merkanzija. L-għan tal-proġett huwa li jkabbar il-kompetittività tal-kumpaniji tal-manifattura u ta' l-operaturi tal-loġistika u t-trasport. CORELOG żviluppa 8 laboratorji sabiex jistudjaw u jittestjaw skemi ta' kooperazzjoni fl-immaniġġar loġistiku bejn il-kumpaniji u bejn stakeholders pubbliċi u privati. Dawn il-laboratorji juru t-tfaddil li jista' jinkiseb kemm mill-kumpaniji kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi reġjonali permezz tal-promozzjoni u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet loġistiċi ġodda. Huma jindirizzaw kemm id-domanda kif ukoll il-provvista tas-servizzi tat-trasport u loġistiċi bl-involviment dirett tal-kumpaniji tal-manifattura u ta' l-operaturi loġistiċi, bħala bażi għat-tfassil ta' politika futura."

***Paolo Ferrecchi**, Sieħeb Ewlieni,*
*Reġjun ta' l-Emilia-Romagna.*
***cosmo@regione.emilia-romagna.it***
***www.corelog.eu***

## INTERREG IIIB IL-MAJJISTRAL TA' L-EWROPA

### REVIT: inkoraġġiment ta' l-iżvilupp mill-ġdid ta' siti industrijali mitluqa



**Spiża totali:** EUR 22 597 609
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 11 005 616

"Kważi f'kull belt fil-Majjistral ta' l-Ewropa hemm żoni industrijali mitluqa li jistgħu jerġgħu jiġu żviluppati sabiex tittejjeb il-kwalità ta' l-ambjent urban. L-iżvilupp mill-ġdid ta' siti industrijali mitluqa jista' jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjiegi u jistimula l-ekonomija lokali, kif ukoll jippreserva s-siti ħodor u jimpedixxi l-konsum ta' art verġni. Sitt imsieħba minn erba' pajjiżi differenti kienu involuti fil-proġett REVIT. Huma eżaminaw problemi komuni bl-iżvilupp ta' siti industrijali mitluqa li ħtiġilhom jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv. It-timijiet ħarsu b'mod partikolari lejn l-aspetti segwenti: strumenti għar-riġenerazzjoni tas-siti industrijali mitluqa u metodi li jistimulaw l-involviment tal-komunita; għażliet ġodda ta' finanzjament; mudelli ta' sħubija pubblika privata u kunċetti ta' promozzjoni fil-kuntest ta' l-iżvilupp mill-ġdid ta' siti industrijali mitluqa; l-iżvilupp multifunzjonali, il-preservazzjoni u l-użu intelliġenti mill-ġdid tal-wirt industrijali; u t-twaqqif tal-ħsarat ambjentali u protezzjoni ta' l-assi naturali."

***Thomas Zügel**, Sieħeb Ewlieni, Stadt Stuttgart,*
*Amt für Stadtplanung und Stadterneuerung*
***thomas.zuegel@stuttgart.de***

## INTERREG IIIC LVANT

### RegEnergy: kif tissodisfa d-domanda dejjem akbar għall-enerġija



**Spejjeż totali:** EUR 1 466 234
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 989 443

"RegEnergy ħoloq netwerk mifrux madwar l-Ewropa kollha ta' 18-il imsieħeb minn għaxar pajjiżi ta' l-UE u r-Russja. Dawn l-imsieħba għaqqdu l-isforzi tagħhom sabiex jaqsmu għerf u informazzjoni dwar ir-riforma u l-immaniġġjar tas-settur ta' l-enerġija. Il-membri tan-netwerk jinkludu stakeholders nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-proġett ifittex li jippromwovi l-proviżjon ta' enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u affordabbli fl-Ewropa, li jtejjeb u jistruttura mill-ġdid is-settur ta' l-enerġija, u li jippromwovi l-effiċjenza ta' l-enerġija. Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u l-politiki lokali biex isostni l-użu razzjonali ta' l-enerġija u jassisti lir-reġjuni u l-komunitajiet Ewropej billi jilqgħu għall-isfidi tad-domanda dejjem akbar għall-enerġija billi jaqsmu l-għerf dwar eżempji ta' prattiċi tajba innovattivi fl-enerġija li tiġġedded."

***Julia Jesson**, koordinatriċi tal-proġett*
***julia.jesson@gtz.de***
***www.reg-energy.de***

## INTERREG IIIC IN-NOFSINHAR U L-PUNENT

### CoPraNet: ġestjoni integrata taż-żoni kostali



**Spejjeż totali:** EUR 1 855 740
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** EUR 1 151 205

"L-għanijiet ta' '*CoPraNet*' kienu li jgħin fil-ħolqien ta' netwerk ta' professjonisti kostali u titnaqqas id-distanza bejn min jippjana, min imexxi u l-komunità tar-riċerka madwar l-Ewropa kollha. Dan kellu jinkiseb bl-appoġġ ta' l-iskambju interreġjonali ta' informazzjoni ta' l-aqwa prattiċi dwar kwistjonijiet ta' immaniġġar tal-kosta u t-titjib fl-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata taż-żoni kostali (ICZM) fl-Ewropa. Il-wieħed u għoxrin imsieħeb Ewropew ipproduċew gwida faċilment aċċessibbli u multi-lingwi dwar l-immaniġġar tal-bajjiet u nbniet database ICZM ibbażata fuq il-web li tikkonsisti f'aktar minn 158 studju tal-każ u 167 proġett madwar l-Ewropa. Saru wkoll u tqassmu ammont konsiderevoli ta' prodotti ta' informazzjoni b'diversi lingwi. Aspett importanti ieħor tal-proġett kien '*QualityCoast*', programm għal destinazzjonijiet turistiċi kostali li għandu l-mira li jinforma lit-turisti u lill-viżitaturi u li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli fiż-żoni tagħhom. '*QualityCoast*' ġie ttestjat fil-Portugall f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet lokali."

***Margarida Nunes**, Kummissjoni Reġjonali tal-Ministeru ta' l-Ambjent, Ippjanar Spazjali u Żvilupp Reġjonali tal-Portugall (CCDRC/MAOTDR)*
***margarida.nunes@ccdrc.pt***

KN-LR-07-024-MT-N

**Is-sit ta' l-Inforegio: it-taqsimiet ewlenin issa disponibbli fi 22 lingwa**

"Il-Politika" u "Il-Mezzi" huma l-ewwel żewġ taqsimiet tas-sit il-ġdid ta' l-Inforegio li ġew disponibbli fi 22 lingwa. Minn issa 'l quddiem, il-viżitaturi tas-sit ser ikunu jistgħu jaraw informazzjoni ddettaljata fuq l-istorja, l-għanijiet ewlenin u l-istrumenti prinċipali tal-Politika Reġjonali Ewropea 2007-13.
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm

## Kuntatt

Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali
Unità 01 — Informazzjoni u Komunikazzjoni
Ana-Paula Laissy
Avenue de Tervuren 41, B-1040 Brussels
Fax (32-2) 29-66003
E-mail: regio-info@ec.europa.eu
Internet: http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm

ISSN 1830-9348

*© Il-Komunitajiet Ewropej, 2007*
*Tista' tiġi riprodotta bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.*

*Stampat fil-Belġju*

*UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI*
*TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ*
*L-2985 Luxembourg*

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*